MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 1/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**Roderick Mario Grech ta’ 26 sena, bin Joseph u Miriam nee’ Micallef, imwieled Victoria (Ghawdex), nhar il-10 ta’ April 1986, residenti il-fond numru Mirjoe, Triq Gorg Geritu, Victoria (Ghawdex) u detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 19686(G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Roderick Mario Grech akkuzat talli gewwa dawn il-gzejjer, gol-Qala tad-Dwejra, nhar it-12 ta’ Marzu 2010, u granet ta’ qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe':
(a) f'Malta u/jew fl-ibhra territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta xjentement, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkaguna dannu lil jew qered proprjeta' kulturali sew jekk tali proprjeta' kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi inventarju skond l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) ghamel attivita' jew inkella agixxa bi ksur tad-disposizzjonijiet ta'l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew tal-kondizzjonijiet ta' licenza jew permess mahrug taht l-istess Att jew naqqas milli jaghmel xi haga li kien mehtieg li jaghmel taht dan l-istess Att, regolament jew licenza;
(c) akkuzat wkoll talli irceva jew iddetena proprjeta' kulturali filwaqt li kien jaf li din kienet tnehhiet illegalment f'Malta jew li tkun giet illegalment esportata minn xi pajiz;
(d) U aktar fl-istess perijodu u cirkustanzi, ghamel skavi u esplorazzjonijiet arkeologici jew paleontologici fl-ibhra territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta minghajr permess bil-miktub tas-Sovrintendent meta l-istess skavi u esplorazzonijiet arkeologici jew paleontologici fl-ibhra territorjali jew fiz-zona kontingwa ta' Malta jistghu isiru biss mis-Sovrintendent jew bil-permess miktub tas-Sovrintendent u skond kull kundizzjoni annessa mieghu;
(e) Akkuzat wkoll talli fl-istess perijodu u cirkustanzi, hekk kif skopra, anke jekk accidentalment, xi oggett, sit jew bini, naqqas li jgharraf minnufih lis-Sovrintendent bl-iskoperta ta' dan l-oggett, sit jew bini li dwarhom japplika dan l-Att skond ma hemm l-artikolu 3 ta'l-istess Att.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-5 ta' Jannar 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jirrizulta illi lill-imputat qed jigu addebitati ir-reati li jaqghu taht il-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali. Fuq il-fatti ta’ dana il-kaz ma hemmx wisq kontestazzjoni. Fil-jum indikat fl-akkuza, l-imputat nizel joghdos fiz-zona tal-Qala tad-Dwejra, gewwa d-Dwejra. Minn taht il-Gebla tal-General huwa tella’ minn qiegh il-bahar sitt jew seba’ bicciet fuhhar. Dawn ghabbiehom fil-vettura u fit-triq huwa gie intercettat u imwaqqaf mill-pulizija. Jidher illi l-pulizija bdew it-tfittxija taghhom ghall-imputat wara telefonata li kienu ircevew minn ghand Stanley Gatt, ufficjal tal-MEPA li kien ghadu kemm irceva rapport minn ghand persuna mhux maghrufa li irrappurtatlu dak li kien ghadu kemm sehh u anke ghadda lil Gatt in-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura ta’l-imputat sabiex dana imbaghad finalment seta’ jigi rintraccat.[1] Fi tfittxija li saret fir-residenza ta’l-imputat ma instab ebda materjal iehor simili ghal fuhhar li l-imputat kien tella’ minn qiegh il-bahar. Wara dan kienet giet infurmata is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ta’ Malta fejn bl-assistenza ta’l-imputat li kien assista lid-Dipartiment ta’l-Arkeologija kien gie skopert sit arkeologiku li jirrisali ghall-epoka Bizantina.

Illi dawn l-oggetti jigu mghoddija lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fejn hemmhekk jigu ezaminati dawn il-bicciet fuhhar u jigi dikjarat illi dawn ir-reperti arkeologici jirrisalu ghall-epoka Bizantina u Rumana.[2] Dana johrog mix-xhieda ta’ Nathaniel Cutajar, Deputy Superintendent u

[1] Ara xhieda ta’ Stanley Gatt a fol.65
[2] Ara xhieda ta’ Nathaniel Cutajar u rapport esebiet Dokument NC a fols 35 et seq.

Michael Spiteri, Cultural Heritage Executive li nizel jaghmel ispezzjoni bl-assistenza ta'l-imputat xahrejn wara u cioe' f'Mejju 2010. Ix-xhud jikkonferma illi fis-sit indikat mill-imputat instab sit arkeologiku ta' importanza storika fejn kien hemm numru kbir ta' fuhhar iehor.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat jikkonferma illi huwa kien nizel joghdos u tella' il-bicciet tal-fuhhar li l-pulizija sabu fil-pussess tieghu minn qiegh il-bahar. Ghalkemm isostni illi huwa kien ilu joghdos ghal xi snin, madanakollu din kienet l-ewwel darba illi huwa tella' xi fuhhar minn qiegh il-bahar. Ighid illi ma kienx jaf li ma setax jaghmel dan u li ma nizilx joghdos intenzjonalment ghal dawn ir-reperti, izda li kien sabhom accidentalment.[3]

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax nuqqasijiet serji fil-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni f'dana l-*iter* processwali. Ibda biex dawn ir-reperti arkeologici qatt ma gew esebieti fil-qorti la materjalment u lanqas formalment. Jidher illi l-Ufficjal Prosekutur ghadda dawn l-oggetti lis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali sabiex jaghmel l-ezamijiet tieghu fuqhom, liema oggetti madanakollu baqghu fil-pussess ta'l-istess Sovrintendent. Illi dawn l-oggetti, mertu ta' dina l-kawza, ghalhekk ma jiffurmawx parti mill-atti tal-kawza! Illi l-Qorti ghandha biss fl-atti ricevuta li inghatat lill-imputat ta'l-oggetti li gew elevati mill-pussess tieghu fejn hemm indikat illi dawn kienu jikkonsistu f' "***seven (7) pieces of pottery***". Ma hemmx indikat f'dina ir-ricevuta f'hiex kienu jikkonsistu dawn is-seba bicciet fuhhar, il-qies taghhom u l-istat li kienu fih.

Illi l-Prosekuzzjoni, imbaghad, tressaq lil Nathaniel Cutajar, mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li jesebixxi rapport fejn jindika sitt bicciet fuhhar, **u mhux sebgha**, u jaghti deskrizzjoni taghhom. Jiddeskriviehom bhala:

1. Anfora globulari mill-Mediterran tal-Lvant – sofá, ghonq u spalla kompluta, biz-zewg widnejn shah.

---
[3] Ara stqarrija Dokument B a fol.11

2. Anfora mtawla mill-Mediterran tal-Lvant – bazi kompluta u l-parti t'isfel taz-zaqq.
3. Anfora globulari mill-Mediterran tal-Lvant – ghonq komplut, parti mis-spalla u widna wahda shiha.
4. Bazi ta' garra zghira.
5. Framment kbir mill-ispalla ta' anfora Tunisina.
6. Framment kbir mill-ispalla ta' anfora Tunisina.

Fir-rapport tieghu jindika ukoll il-qisien ta' dawn il-bicciet u jindika ukoll l-epoka storika li ghalihom jappartjenu dawn ir-reperti. Illi fl-ahhar parti tar-rapport tieghu indikat bil-kliem "Anness 2" ighid illi qieghed jannetti rekord fotografiku ta' dawn is-sitt oggetti. Izda meta l-Qorti ezaminat dan l-Anness jirrizulta illi ritratti hemm biss ta' zewg bcejjec ta' fuhhar u mhux sitta![4] Fil-fatt meta jigi muri dan ir-rapport ix-xhud Michael Spiteri, Cultural Heritage Executive, jindika car u tond illi ir-rapport ghandu pagni minnu neqsin. Meta jigi muri ir-ritratti id-Dokument NC huwa iwiegeb:
"**Kien hemm xi affarijiet ohra nahseb, mhux annessi – nahseb hawn folja nieqsa – kien hemm iktar affarijiet jew nahseb ma harigtx il-print .. Suppost hawn milli nista nitakar hawn folja ohra bir-ritratti ….**"

Illi di piu' kemm l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll il-pulizija li waqqfu lill-imputat u elevaw l-oggetti mertu ta' din il-kawza lanqas ma jindikaw jekk l-oggetti elenkati minn Nathaniel Cutajar fir-rapport tieghu humiex l-istess oggetti illi huma elevaw mill-pussess ta'l-imputat. Lanqas ma jistghu ikunu f'posizzjoni jaghmlu dan ghaliex l-oggetti ma jigux esebieti fl-atti tal-kawza u lanqas hemm ir-ritratti tal-oggetti kollha anness mar-rapport ta' Nathaniel Cutajar sabiex il-Qorti tista' tkun f'posizzjoni taghmel il-verifiki taghha.

Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'din il-lacuna fl-atti processwali. Qatt ma tista' tkun f'posizzjoni tikkontrolla jekk l-oggetti elevati minn ghand l-imputat humiex dawk li jitkellem fuqhom Nathaniel Cutajar u ghalkemm tista' tassumi illi dana huwa l-kaz, madanakollu dana mhuwiex il-grad tal-prova mehtiega fil-kamp penali ghal sejbien ta'

[4] Ara fol.41 oggetti indikati bhala DWR2010 Repert 1 u DWR2010 Repert 2.

htija u l-Qorti ma tistax timxi fuq kongetturi, izda biss fuq fatti esposti quddiemha u li jinsabu fl-atti processwali.

Illi d-difiza ukoll gustament tikkontendi illi l-Qorti qatt ma kellha espert taghha sabiex jistabbilixxi jekk dawn il-bicciet tal-fuhhara humiex verament tal-epoka Bizantina u Rumana u li kwindi ma tistax tisitrieh fuq opinjoni moghtija minn xhud prodott mill-Prosekuzzjoni. Dana lanqas setghet taghmlu l-Qorti, fi kwalunkwe kaz, gialdarba l-oggetti qatt ma gew esebieti in atti. Illi hawn id-difiza ghandha ragun.

Illi l-uniku prova li hemm fl-atti li tista' tissostanzja l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat huwa r-rapport ta' Nathaniel Cutajar, rapprezentant tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, inkarigat mill-pulizija u imressaq bhala xhud mill-Prosekuzzjoni, fejn allura, l-imputat ma kienx f'posizzoni jikkontrolla l-ezami li sar u l-oggetti li gew ezaminati. Dana iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi matul l-*iter* processwali dawn l-oggetti qatt ma gew esebieti u lanqas il-Qorti ma kellha l-opportunita tarahom.

Illi r-rapport ta' Nathaniel Cutajar mhu xejn ghajr opinjoni u mhux semplicement kostatazzjoni ta' stat ta' fatt. Il-Qorti qatt ma tista' tasal *di sua sponte* tistabbilixxi jekk dak li ighid Nathaniel Cutajar huwiex minnu ghax din hija opinjoni u risultanzi ta' xi ezamijiet minnu maghmula.

Illi ghaldaqstant, li kieku l-Qorti kellha tistrieh fuq dana ir-rapport hija tkun qed tichad lill-imputat d-dritt fondamentali tieghu ghall-process u gudizzju indipendenti u imparzjali. Kwindi r-rapport tax-xhud, fid-dawl ta' dak suespost, ma jista' qatt ikollu valur probatorju u ser jigi skartat.

Illi stabbilit dana l-fatt, l-Qorti tistqarr illi fl-atti ma hemm l-ebda prova ohra li tista b'xi mod twassal ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu abbazi tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana ghaliex ma hemmx prova fl-atti li tindika illi l-oggetti tal-fuhhar misjuba mill-imputat jaqghu taht id-definizzjoni ta'l-oggetti imsemmija l-artikolu 3 tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta jew inkella illi l-imputat kien jaf illi

l-oggetti misjuba minnu jaqghu taht dik id-definizzjoni. L-imputat fil-fatt lanqas jixhed f'dina l-kawza u ighid biss fl-istqarrija tieghu illi huwa ma kienx jaf li ma setax itella' dana il-fuhhar minn qiegh il-bahar. Lanqas ma hemm prova fl-atti illi l-imputat nizel joghdos bl-intenzjoni specifika illi huwa jaghmel xi esplorazzjoni jew skavazzjoni li dwarha huwa kellu javza lis-Sovrintendent. Illi ghalkemm l-artikolu 43 ta'l-Att jindika illi anke sejbiet accidentali ta'l-oggetti indikati fl-artikolu 3 ghandhom jigu rapportati lis-Sovrintendent, madanakollu kif indikat ma hemm l-ebda prova illi l-oggetti jaqghu fl-ambitu ta'l-artikolu 3 jew li l-imputat kien jaf jew seta' kien jaf li dan kien il-kaz.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi illiberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------